**26 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Timothy Ellul Sullivan

*versus*

Delicatessen Products Limited u Montaldo Insurance Services Limited u dana bħala aġenti u in rappreżentanza tas-soċjetà estera "Le Mans Insurance" ta' Franza

**Assikurazzjoni - Impjegat**

*Bħala* Managing Director *u* supervisor *l-attur kellu l-obbligu li jara li l-makna in kwistjoni tkun* safe. *L-assikurazzjoni tirrispondi fl-eventwalità li* employer *ikun ħati ta' xi nuqqas.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur ippremetta illi fit-tmintax (18) ta' Ġunju, 1993, waqt li kien fuq xogħol fil-kors ta' l-impjieg tiegħu ta' *Managing Director* mas-soċjetà Delicatessen Products Limited fil-fabbrika tagħha f'San Ġwann, kien involut f'inċident ma' makna tas-soċjetà konvenuta li minħabba fih hu tilef parti minn subgħajh tan-nofs u taċ-ċurkett ta' idejh xellugija u baqa' mutilat u jsofri minn inkapaċità fiżika permanenti kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

U premess illi dan l-inċident ġara minħabba li kienet teżisti fil-fabbrika ta' l-istess soċjetà konvenuta *an unsafe system of work* għaliex ma kienx hemm *safety guard* li tgħatti x-xafra li kellha l-istess makna, tant li wara l-inċident l-istess soċjetà konvenuta ħasset il-ħtieġa li tpoġġi *guard* max-xafra in kwistjoni u għalhekk is-soċjetà konvenuta Delicatessen Products Limited, hija responsabbli għal tali inċident u għad-

danni konsegwenzjali sofferti mill-attur konsistenti kemm f'*damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*;

U premess illi l-istess soċjetà konvenuta Delicatesssen Products Limited, meta rċeviet it-talba ta' l-attur għar-riżarċiment ta' dawn id-danni, inoltrat l-istess talba lis-soċjetà l-oħra konvenuta, Montaldo Insurance Services Limited, bħala l-kumpannija assikuratriċi tagħha taħt *Employers Liability Policy* li suppost tagħmel tajjeb għall-inċidenti bħal dak in eżami, iżda din l-istess kumpannija assikuratriċi qed tirrifjuta li tħallas id-danni rreklamati, meta dawn suppost li għandhom jitħallas taħt l-istess polza. U peress li din is-soċjetà konvenuta assikuratriċi tkun responsabbli versu l-attur għall-ħlas ta' kull somma llikwidata minn din il-Qorti, in virtù ta' l-azzjoni esperita kontra d-*debitor, debitoris mei* u għalhekk għandha kull interess ġuridiku li tkun f'din il-kawża;

U peress li sal-lum la s-soċjetà konvenuta Delicatessen Products Limited u lanqas is-soċjetà konvenuta l-oħra ma ħallsu d-danni sofferti mill-attur;

L-attur talab li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeċiedi li l-inċident li ġara fit-18 ta' Ġunju, 1993 fil-fabbrika tas-soċjetà konvenuta Delicatessen Products Limited, ġo San Ġwann u li fih l-attur sofra inkapaċità permanenti, kif fuq intqal, ġara *unikament tort ta' l-istess* soċjetà konvenuta, minħabba *an unsafe system of work* u n-nuqqas tagħha li tara li tieħu prekawzjonijiet adegwati biex tali inċidenti ma jiġrux, u li għalhekk hija responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-attur;

Tillikwida d-danni, okkorrendo bl-opera ta' periti

nominandi;

Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Delicatessen Products Limited tħallas lill-attur dawk id-danni hekk illikwidati, flimkien ma' l-imgħax legali miċ-ċitazzjoni;

Tiddeċidi li s-soċjetà l-oħra konvenuta assikuratriċi Montaldo Insurance Services Limited, għandha tindennizza lis-soċjetà l-oħra għall-ħlas ta' dawn id-danni taħt *l-Employers Liability Policy*, dak iż-żmien viġenti bejniethom, u konsegwentement, għaliex m'għandhiex tiġi hi ukoll ikkundannata li tħallas l-istess danni hekk illikwidati favur l-attur, lill-attur bħala debitur prinċipali tas-soċjetà Delicatessen Products Ltd. flimkien ma' l-istess imgħax;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittri uffiċjali kontra l-konvenuti jew min minnhom;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 2;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti Delicatessen a fol. 21 fejn eċċepew:

Illi għalkemm hu fatt illi l-attur safa mmutilat waqt il-kors tax-xogħol tiegħu fil-fabbrika tas-soċjetà eċċipjenti, u għalkemm l-istess soċjetà eċċipjenti inoltrat it-talba ta' l-attur għad-danni lis-soċjetà l-oħra konvenuta, biex isir dak li hu posibbli li jsir fiċ-ċirkostanzi, hija tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti dwar ta' min kienet ir-responsabbilità ta' l-inċident in kwistjoni, wara li jinstemgħu l-provi u ssir it-trattazzjoni tal-kawża, u dana biex ma tiġix ippreġudikata l-posizzjoni tagħha *vis-a-vis* id-ditta l-oħra konvenuta assikuratriċi u anke biex hi ma tippreġudikax il-posizzjoni tas-soċjetà l-oħra konvenuta. F'każ però, li jiġi deċiż

li l-eċċipjenti hi responsabbli, allura hija għandha bla dubbju tiġi indennizzata mis-soċjetà l-oħra konvenuta;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri oħra permessi mil-liġi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut Montaldo Insurance Services Ltd. a fol. 23 fejn eċċepew:

Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-inċident in kwistjoni ġara tort unikament ta' l-istess attur; tant hu hekk li l-istess attur iddikjara fl-*Employers Liability Insurance Report Form*, l-inċident in kwistjoni ġara waqt li kien qed jagħmel *setting* tal-makna in kwistjoni u oltre iddikjara li l-istess makna ma kellha ebda difett u lanqas ma kellha xi *failure in the guarding of the machine* u għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront ta' l-eċċipjent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk kemm-il darba jirriżulta kif qed jiġi allegat u ċjoè li kienet teżisti *an unsafe system of work*, allura f'dan il-każ huwa responsabbli kemm l-attur stess, li huwa *Managing Director* tal-kumpannija Delicatessen Products Limited kif ukoll il-konvenut l-ieħor Delicatessen Products Limited, li ħallew jew ippermettew tali sitwazzjoni, liema sitwazzjoni tirrendi inapplikabbli l-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni u dana kif jirriżulta mill-istess polza, u għalhekk f'dan ir-rigward ukoll it-talbiet attriċi, fil-konfront ta' l-eċċipjent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lix-xhieda bil-ġurament;

Għamlet aċċess fuq il-post;

Rat in-noti tal-partijiet;

**L-attur** qed jitlob li l-konvenuti jiġu ddikjarati responsabbli għall-inċident li ġara fit-tmintax (18) ta' Ġunju, 1993, fil-fabbrika tas-soċjetà konvenuta Delicatessen, *minħabba an unsafe system of work,* f'liema inċident l-attur sofra inkapaċità permanenti;

Li jiġu llikwidat d-danni;

U li l-konvenuti jħallsu dawn id-danni;

Is-soċjetà konvenuta Delicatessen irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni ta' dina l-Qorti dwar min kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni;

Is-soċjetà konvenuta Montaldo Insurance *eċċepiet li l-*inċident ġara tort ta' l-istess attur li kien qed jagħmel *setting* **tal-**makna u kien iddikjara li l-istess makna ma kellha **ebda difett u** lanqas ma kellha *failure in the guarding of the machine*;

Jekk kien hemm *an unsafe system of work,* **allura hu** repsonsabbli l-konvenut l-ieħor u l-attur stess li hu *Managing Director* tal-kumpannija konvenuta, Delicatessen, u ma messux ippermetta tali sitwazzjoni li tirrendi inapplikabbli l-polza ta' assikurazzjoni skond l-istess polza;

**Godfrey Ellul Sullivan** xehed li huma kienu xtraw dina l-makna ġdida mill-Italja. Huma ma neħħew xejn minn dina l-

makna. L-attur, it-tifel tiegħu, jirranġa dawn il-makni. It-tifel qatt ma attiralu l-attenzjoni li kien hemm xi ħaġa ħażina fil-makna;

Wara l-inċident huma għamlu *guard* fuq ix-xafra. Meta ġabu l-makna minn barra ma kienx hemm dina l-*guard*;

**L-attur** xehed li hu *Managing Director* f'dina l-fabbrika. Hu kien qed jiċċekkja jekk il-makni kienu sew, f'daqqa s-sikkina daret għall-idejh ix-xellugija. Meta pprova l-makna dina kienet wieqfa. Is-sikkina qiegħda fuq ir-romblu. Hu daħal taħt il-makna biex jara jekk kollox kien sew. Hu kien qed jittawwal u jdejh ma kienu qed imissu ma' mkien;

Il-makna kienet ġiet minn barra kif kienet fil-ħin ta' l-inċident. Wara waħħlulha *guard* li ma kienx magħha meta ġabuha minn barra. Hu kien responsabbli għall-*maintenance* ta' dina l-makna. Dakinhar hu ma kienx qed jissettja l-makna, kien qed jiċċekkja biex jara li l-parti fejn jaqgħu t-*tagliatelle* kien *clear*;

Il-*claim form* esebita kienet imliethа s-segretarja tiegħu u kien iffirmaha hu. Dina kienet staqsietu kif ġara l-inċident u safejn jiftakar kien qalilha li s-sikkina kienet daret fuq idejh. Il-*handwriting* fuq dan id-dokument mhux tiegħu. Huma ma kinux naqqsu xejn mill-makna. Hi ma kellha ebda parti nieqsa. Kien ilu jaħdem fuq dina l-makna 4 snin. Hu ma kienx qed jagħmel *maintenance* fuq il-makna meta ġara l-inċident. Ir-romblu dakinhar kien *free wheeling.* Ma hemmx bżonn li tqabbad il-makna. Dak in-nhar induna li l-makna kellha *freewheeling.* Fuq id-dokument ES1 hemm indikat b'ċirku fejn hemm il-*blade*. Meta hu kien għolla idejh hu kien tbaxxa ukoll;

Safejn jaf hu din il-makna ma kien fiha xejn li mhux

f'postu. L-unika ħaġa li ġara kien li dak kien inċident sfortunat. *Safejn jaf hu sa l-inċident il-makna kienet safe;*

**Fl-aċċess** il-Qorti setgħet tikkostata ż-żidiet li saru fil-makna biex tiżdied is-sigurtà. Dawn kienu jikkonsistu f'*guard* tal-*perspex* orizzontali fil-parti ta' fuq u ieħor vertikali. Hemm *perspex* ieħor li jgħatti x-xafra. Wara l-inċident it-Taljani (li biegħu l-makna) kienu ssikkaw ix-*shaft* fejn hemm ix-xafra biex dina waħedha ma ddurx meta tkkun fuq il-*free gear*;

Skond il-konvenut Montaldo Insurance ma kien hemm ebda negliġenza da parti tas-soċjetà konvenuta Delicatessen jew nuqqas li seta' wassal għall-inċident in kwistjoni. Huwa argumenta hekk:

Jekk l-attur qed jallega li kien hemm *an unsafe system of work*, meta hu bħala *managing director* u *supervisor* fuq il-makni tas-soċjetà konvenuta kellu l-obbligu li jieħu ħsieb li dina s-sitwazzjoni ma teżistix;

Inoltre, jekk kien hemm *an unsafe system of work*, allura l-*Employers Liability Policy* hija inapplikabbli għax il-kundizzjonijiet fl-istess polza ma jkunux ġew ottemperati;

L-attur min-naħa l-oħra qed jissottometti li l-inċident li ġara, juri minnu nnifsu li l-makna ma kinitx *safe*, għalhekk la darba s-soċjetà konvenuta Delicatessen ħasset li setgħet tieħu l-prekawzjoni tal-*guard* wara l-inċident, dan seta' missu sar QABEL u mill-bidunett għax kif bdiet topera bla *guard* kienet ta' perikolu għal kull impjegat;

Jirriżulta mill-provi li l-attur hu *Managing Director* tal-kumpannija konvenuta Delicatessen u *in charge* mis-superviżjoni u *maintenance* tal-makni tal-fabbrika. Hu kien

ittrenjat fuq dawn il-makni u ħadem fuq il-makna in kwistjoni għal erba' snin;

Għalhekk bħala *Managing Director* u *supervisor* l-attur kellu l-obbligu li jara li l-makna in kwistjoni tkun *safe*. Dana m'għamlux għax kif qal hu stess (ara nota) l-inċident innifsu juri li l-makna ma kinitx *safe*;

Min-naħa l-oħra l-attur, li hu l-istess *Managing Director* u fl-istess ħin impjegat mas-soċjetà konvenuta Delicatessen, kien jaf, li kien hemm dana l-perikolu u xorta waħda għażel li (bħala impjegat) jinnavika (jissettja u jagħmel *maintenance*) f'dina l-makna meta kien jaf li ma kinitx *safe*. Għalhekk kemm is-soċjetà konvenuta Delicatessen kif ukoll l-attur kienu responsabbli għall-akkadut;

Dwar l-argument tas-soċjetà konvenuta Montaldo li jekk kien hemm *an unsafe system of work* allura l-*Employers Liability Policy* hija inapplikabbli għax il-kundizzjonijiet fl-istess polza ma kinux ġew ottemperati, il-Qorti taqbel ma' l-attur li l-assikurazzjoni proprju tirrispondi fl-eventwalità li *employer* ikun ħati ta' xi nuqqas. L-istess jiġri fil-każ ta' *motor claims* meta l-assikurazzjoni tindennizza lil terza parti għax l-assikurat tagħha jkun negliġenti;

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-inċident ġara tort ta' l-attur kif ukoll tas-soċjetà konvenuta Delicatessen <u>indaqs</u> u l-konvenuti l-oħra Montaldo Insurance għandhom jindennizzaw lis-soċjetà konvenuta Delicatessen għal dawk id-danni li ser jiġu llikwidati favur l-attur u reklamati minnu;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel

talba ta' l-attur fis-sens li tiddikjara li l-inċident in kwistjoni ġara tort ta' l-attur u tas-soċjetà konvenuta Delicatessen indaqs;

*Omissis.*